**31 ta' Jannar, 1996**

**Imhallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Joseph Buhagiar *pro et noe*

*versus*

Carmel *sive* Charles Psaila

## Intervent *In Statu et Terminis* - Bidla fl-Okkju tal-Kawża - Nullita' jew Le Jekk Dan ma Jsirx - L-Intervenut

*L-appellanti jikkontendu li ladarba huma kienu ammessi biex jintervjenu fil-kawża* in statu et terminis *dan il-fatt kellu jkun irreġistrat fl-okkju tal-kawża; fin-nuqqas dan iwassal għan-nullita' tas-sentenza.*

*Iżda llum hu stabbilit fil-ġurisprudenza li l-okkju tal-kawża hu determinat mal-preżentata ta' l-att taċ-ċitazzjoni. Waqt li hu minnu li hi prattika li digrieti sussegwenti li jirrapuraw bidla jew żieda fil-partijiet jkunu rreġistrati fl-okkju u anke rriportati fis-sentenza, in-nuqqas li dan isir ma jwassal għall-ebda nullita'.*

*L-appellanti jilmentaw ukoll li l-eċċezzjonijiet tagħhom ma kinux milqugħa. La darba l-intervenut hu kkunsidrat li mhux parti fil-kawża hu, bħala regola, ma jistax ikun liberat jew kundannat. Minn dan joħroġ li allura l-Qorti m'għandha l-ebda obbligu li tippronunzja ruħha fuq l-eċċezzjonijiet minnu mogħtija. Dan fis-sens li mhix tenuta li tiddeċidihom fir-rigward tiegħu anke jekk hi, fil-konsiderazzjonijiet tagħha biex tasal għal ġudizzju, tkun qieset u anke sostniet id-deduzzjonijiet tiegħu.*

Il-Qorti:-

Il-partijiet f'din il-kawża huma l-attur Joseph Buhagiar u l-konvenut Carmel *sive* Charles Psaila, soċji u firmatarji ta' skrittura tal-31 ta' Ottubru, 1977 li biha kkostitwew soċjeta' kummerċjali *en nom collectif* taħt l-isem "C. Psaila and J. Buhagiar". Fil-kors tal-proċeduri jidher li ġew ammessi biex jintervjenu fil-kawża *in statu et terminis* Anthony Psaila, Rita Psaila, Bernardette mart Frank Mullen, Jane mart George Mizzi u Peter Paul Psaila. Il-Qorti qed tgħid dan waqt li tinnota illi dan id-digriet, ovvjament miktub *di proprio pugno* mill-Imħallef Sedenti l-Qorti tal-Kummerċ, la hu

ffirmat minnu u lanqas iddatat. Dan ovvjament b'*lapsus* għax l-intervenuti fil-kawża tħallew jippreżentaw eċċezzjonijiet u dokumenti oħra u ġew rikonoxxuti bħala tali fis-sentenza appellata li analizzat il-posizzjoni ġuridika tagħhom. Għall-fini prattiku din il-Qorti qed tissana dan id-difett proċedurali u tikkonsidra l-appell fil-meritu. Huma infatti <u>l-intervenuti fil-kawża</u> li appellaw mis-segwenti sentenza li ukoll għall-prattiċita' qed tiġi riprodotta *in toto* billi hekk jiġi faċilitat l-eżami tal-punt ta' liġi involut fl-appell;

L-Ewwel Qorti hekk iddeliberat:

*Omissis*;

L-intervenuti fil-kawża ħassewhom aggravati b'din is-sentenza u appellaw minnha. Adduċew dawn l-aggravji:

"(i) Illi fl-ewwel lok il-Qorti b'digriet tagħha ammettiet lill-esponenti biex jintervjenu fil-kawża *in statu et terminis*. Di fatti huma ppreżentaw nota ta' eċċezzjonijiet fuq awtorizzazzjoni tal-Qorti. Biss fis-sentenza mogħtija fl-okkju tal-kawża ma jirriżultax li tali digriet u intervenuti ġew miżjuda. Dan jimporta n-nullita' tas-sentenza;

(ii) Illi fit-tieni lok l-esponenti jilmentaw li l-eċċezzjonijiet tagħhom ma ġewx milqugħa għax l-Ewwel Onorabbli Qorti ġiet mogħtija l-impressjoni, żbaljata, li l-kawża li hemm pendenti ġiet istitwita kontra l-konvenut Carmel Psaila biss mentri dik il-kawża saret kontra l-attur u l-konvenut. Din il-kawża hija tentattiv ta' l-attur sabiex iġib fix-xejn l-azzjoni preżentata mill-appellati u għalhekk hija ta' preġudizzju għal drittijiethom u għandha tiġi miċħuda;

(iii) Illi fit-tielet lok l-esponenti jilmentaw li l-konvenut Carmel Psaila ġie mħarrek ħażin u dan stante li ma ġiex speċifikat l-inkarigu u ċjoe` "bħala azzjonarju";

Din il-kawża kienet ovvjament waħda ta' faċli spedizzjoni kif sewwa ġiet trattata mill-Ewwel Qorti. Ma setgħet issir l-ebda kontestazzjoni valida, ġuridikament bis-sens, għat-talbiet attriċi u ġustament il-Qorti tal-Kummerċ iddisponiet mill-kawża b'mod tista' tgħid sommarju. Dan kien messu - u l-Qorti żgura li hekk kien - kien ċar anke lill-intervenuti fil-kawża. L-appell tagħhom hu wieħed manifestament insostenibbli. Il-Qorti tqisu frivolu u vessatorju maħsub biss biex l-intervenuti jakkwistaw żmien prezzjuż; kif sfortunatament għamlu billi approfittaw ruħhom mid-dewmien inevitabbli kkawżat bil-volum tax-xogħol li għandha quddiemha din il-Qorti. Iċ-ċirkostanzi huma tali li jiġġustifikaw l-imposizzjoni tas-sanzjoni tad-*doppie spese* kif dispost fl-artikolu 223 (4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Tiddisponi hekk fil-qosor mill-aggravji:

L-appellanti jikkontendu illi ladarba huma ġew ammessi biex jintervjenu fil-kawża *in statu et terminis*, dan il-fatt kellu jiġi rreġistrat fl-okkju tal-kawża fis-sentenza. Huma jsostnu li dan in-nuqqas - li jirriżulta - jimporta n-nullita` tas-sentenza. Issa apparti l-konsiderazzjoni li saret aktar 'il fuq dwar l-irregolarita` proċedurali tad-digriet (li fil-verita` jinfiċċja l-istess ordni tal-Qorti), hu llum stabbilit fil-ġurisprudenza li l-okkju tal-kawża hu ddeterminat mal-preżentata ta' l-att taċ-ċitazzjoni. Waqt li hu veru li hi prattika li digriet sussegwenti li jirrappurtaw bidla jew żieda fil-partijiet jiġu reġistrati fl-okkju u anke hekk riportati fis-sentenza, in-nuqqas li dan isir ma jimporta l-ebda nullita`;

"L-okkju tal-kawża ma jitbiddilx u ż-żieda ta' isem ta' parti li tkun daħlet fil-kawża wara li tkun diġa' bdiet mhux essenzjali għall-validita' tal-proċeduri għalkemm dejjem issir fil-prattika u hu desiderabbli li jsir hekk". (Vol. XXXIII, P. I, p. 134 - **Emanuele Refalo *vs* Joseph Mercieca *et*** - App. Ċiv. 23 ta' Marzu, 1988). Issa jekk dan hu veru fejn l-annotazzjoni fl-okkju tirrigwarda xi parti (attur, konvenut, kjamat fil-kawża) *multo magis* hu hekk fil-każ ta' intervenut fil-kawża *in statu et terminis* li, kif dejjem ġie ukoll ritenut fis-sistema proċedurali Malti, mhux *meqjus* proprjament bħala parti fil-kawża. Dan l-aggravju hu insostenibbli;

L-appellanti jilmentaw ukoll li l-eċċezzjonijiet tagħhom ma ġewx milqugħa. Una volta l-intervenut hu kkonsidrat li mhux parti fil-kawża, hu ma jistax bħala regola jiġi lliberat jew ikkundannat. Minn dan joħroġ li l-Qorti allura m'għandha l-ebda obbligu li tippronunzja ruħha fuq l-eċċezzjonijiet minnu mogħtija. Dan fis-sens li mhijiex tenuta li tiddeċidihom fir-rigward tiegħu anke jekk hi, fil-konsiderazzjonijiet tagħha biex tasal għall-ġudizzju, tkun qieset - kif għandha dritt - u anke sostniet id-deduzzjonijiet tiegħu. Hi paċifika d-distinzjoni fir-rwol ta' l-intervenut *fil-kawża* u *l-kjamat* fil-kawża. Distinzjoni nettament definita fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (artikolu 960-962). Distinzjoni li ssib il-qofol tagħha fil-fatt li l-kjamat fil-kawża a differenza ta' l-intervenut hu kkunsidrat bħala konvenut u jista' jiġi illiberat jew ikkundannat. Il-Qorti għandha allura fil-każ tal-kjamat fil-kawża l-obbligu li tiddeċidi u tikkonsidra l-eċċezzjoni minnu mogħtija (ara Vol. XXIX, P.II, p. 1116; Vol. IX, p. 761 u oħrajn);

L-Ewwel Qorti kienet għalhekk għal kollox korretta kif ittrattat lill-appellanti proċeduralment;

*Omissis*;

L-aħħar aggravju ta' l-appellanti illi l-konvenut, Carmelo Psaila ġie mħarrek ħażin u dana stante li ma ġiex speċifikat l-inkarigu u ċjoe' bħala soċju fis-soċjeta' *en nom collectif* ma jistħoqlux il-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti. Biżżejjed jingħad li f'kull każ bħala sottomissjoni ċertament ma tispettax lill-appellanti imma *se mai* biss lill-istess konvenut li kellu sens biżżejjed li ma javvanzahiex bħala eċċezzjoni daqstant inutili u infondanta;

Hu ovvju illi l-ispejjeż ta' dan l-appell kif aggravati għandhom ibatuhom l-intervenuti li inutilment ipprovokawh. Dawk ta' l-ewwel Istanza *għandhom jibqgħu kif ġa' deċiżi*;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata stante li kif fuq ikkunsidrat l-appell qed jiġi meqjus li hu wieħed sempliċement frivolu u vessatorju qed tikkundanna lill-intervenuti fil-kawża jħallsu *doppie spese* ta' dan l-appell, waqt li l-ispejjeż ta' l-ewwel istanza għandhom jibqgħu kif diġa' deċiżi.